

## V

(Opinjoni)

## PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

## KUMMISSJONI EWROPEA

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.5688 – Alstom/Bharat Forge/JV Companies)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/C 7/08)

1. Fil-21 ta' Diċembru 2009, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li biha Alstom Power Holding SA ("Alstom", Franza) u Bharat Forge Limited ("BFL", l-Indja) jakkwistaw fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament il-kontroll konġunt ta' "JVA" u "JVB" ("il-JVs") permezz tax-xiri ta' ishma ta' kumpanija ffurmata għada li tikkostitwixxi impriża konġunta.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:
  - Alstom: attivitajiet internazzjonali fil-manifattura ta' tagħmir u l-forniment ta' servizzi ta' ġenerazzjoni ta' enerġija u trasport tal-ferrovija,
  - għal BFL: forniment globali ta' elementi ta' magni u ta' xażi ifforgati u mgħoddija bil-magna,
  - għall-JVs: il-forniment ta' islands li jiġenneraw turbini tal-fwar fis-suq Indjan.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(2)</sup> ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaqdu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301 jew 22967244) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5688 – Alstom/Bharat Forge/JV Companies, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32.